**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 604/2021 AGV :**

**OC**

**U**

**OCH**

**Il-Qorti rat ir-rikors kongunt ta` O C u O C H datat 9 ta' Dicembru 2021 fejn** esponew bir-rispett:-

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fis-26 ta` April tas-sena elfejn u tlieta (2003), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, lkoll minuri;

Illi hekk kif jidher mill-kuntratt ta` separazzjoni, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, il-partijiet huma separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ann Marie Agius fil-31 ta` Jannar tas-sena 2018. Di piu`, hekk kif iddikjarat fil-istess kuntratt ta` separazzjoni, huma ilhom separati *de facto* sa minn April tas-sena 2017;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal kwazi erba' snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi hekk kif jidher mill-istess kuntratt ta` separazzjoni, fir-rigward tad-dritt li jitolbu u /jew jircievu manteniment minghand xulxin, hemm rinunzja da parti tar-Ragel kif ukoll dekadenza da parti mill-Mara;

Illi il-manteniment mahsub ghal ulied il-partijiet huwa regolat skond l-istess kuntratt ta` separazzjoni personali u dan il-manteniment kif mahsub dejjem gie ivversat puntwalment;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Illi l-esponenti  OC H,  tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe 'H'.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolubu lil Dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-istess OC H tirreverti ghal kunjom xbubitha, u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa' it-talba ta' O C H, li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' **'H'.**

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**